**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru 495/2021 LC

**Marcus Scicluna Marshall (K.I. 617564M)**
**Romina Scicluna Marshall (K.I. 617664M)**

**vs**

**PACE JOSEPHINE ANN (K.I. 531085M)**
**PACE ALEXANDRA MAY (K.I. 531185M)**
**PACE MICHAEL (K.I. 267957M)**

Illum, 13 ta' Lulju, 2023

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Marcus Scicluna Marshall u Romina Scicluna Marshall datat it-18 ta' Awwissu 2021 fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talab lil dan il-Bord sabiex:

1. Jiddikjara u Jiddeċiedi illi l-intimati huma l-inkwilini tal-fond Flat 10 Balluta Buildings, St. Julians, li l-antekawża tar-rikorrenti kien ikkonċeda b'titolu ta' kera versu l-ħlas ta' 116.47 Euros u dan in segwitu ta' rekwiżizzjoni bin-numru 9295;

2. Jordna li jitwettaq dan it-test tal-mezzi tal-inkwilini li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili) u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwixxuhom, liema test għandu jkun ibbażat fuq id-dħul tal-inkwilini u intimati bejn l-1 ta’ Jannar u l-31 ta’ Diċembru 2020 u fuq il-kapital tal-istess inkwilini intimati fil-31 ta’ Diċembru 2020;

3. F’każ illi l-inkwilini intimati ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, jordna l-iżgumbrament tal-inkwilini intimati mill-fond 17 Balluta Buildings, St Julians, fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord wara sentejn mis-sentenza sabiex il-fond jiġi vakat, oltre li jħallsu kumpens pagabbli lir-rikorrenti għall-okkupazzjoni tal-fond matul l-isemmi perjodu;

4. F’każ illi l-inkwilini intimati jissodisfaw il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att Nru. XXIV tal-2021, ir-rikorrenti għandhom dritt jitolbu li l-kera tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix tnejn fil-mija (2%) tal-valur liberu u frank fis-suq tad-dar t’abitazzjoni fl-1 ta’ Jannar, 2021 u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni u b’riserva u mingħajr preġudizzju tal-kawża kostituzzjonali pendenti fuq referita, għad-danni pekunjarji u non-pekunjarji u talbiet oħrajn u kwalsiasi azzjoni oħra li tista’ talvolta tiġi ppreżentata.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar tal-15 ta' Novembru 2021 sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi jridu japprovaw t-titolu tagħhom u li huma waħedhom huma s-sid uniċi tal-fond; (ii) il-Bord għandu jikkostata jekk l-Att XXIV għandux jiġi applikat għal dan il-każ (iii) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; u (iv) f'każ li l-inkwilini jissodisfaw it-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skond il-liġi.

Ra r-risposta tal-intimati Josephine Ann Pace u Alexandra May Pace tas-7 ta' Diċembru 2021 fejn sommarjament, eċċepew li:

1. Illi qabel xejn, l-eċċipjenti jirrelevaw illi huma għadhom ma ġewx formalment notifikati bir-rikors promotur ippreżentat mir-rikorrenti nhar it-18 t'Awwissu, 2021. Madanakollu la darba l-eċċipjenti sfaw a konoxxenza tal-fatt illi dawn il-proċeduri ġew istitwiti, qegħdin permezz tal-preżenti jagħtu ruħom bħala notifika bir-rikors de quo, inkluż sabiex dawn il-proċeduri ma jiġux stulifikati inutilment u r-rikorrenti jevitaw spejjeż addizzjonali bla bżonn.

2. Illi preliminarjament, jeħtieġ illi r-rikorrenti jġibu prova tat-titolu tagħhom fir-rigward tal-propjeta' in mertu.

3. Illi tantieħor in linea preliminari, fir-rikors promotur minnhom intalvolat ir-rikorrenti jisħqu li l-propjeta' okkupata mill-esponenti hija hekk okkupata in vista ta' ordni ta' rekwiżizzjoni. F'dan ir-rigward, l-esponenti tissottometti li l-Artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi testwalment illi: "Meta persuna tkun qiegħda tokkupa dar ta' abitazzjoni abbażi ta' **kirja..." Madankollu** l-Artikolu 44 tal-istess Ordinanza jelenka dawk is-sitwazzjonijiet li għandhom

jiġu kkunsidrati illi jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' *"kirja"*. Di fatti, fit-tieni sub-iniċiż tal-istess Artikolu, huwa ċċarat illi: *"d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għat-tqegħid ta' nies mill-Gvern f'fondi rekwiżizzjonata."*

4. Illi tenut kont ta' dan, huwa umilment rilevat illi diment li l-propjeta' de quo ma ġietx di-rekwiżizzjonata, ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ma tinkwadrax taħt id-definizzjoni ta' "kirja" għall-finijiet tal-Ordinanza b'dan illi konsegwentement l-Artikolu 4A ma setax jiġi invokat mir-rikorrenti u għalhekk din l-azzjoni ma hijiex proponibbli. Għaldaqstant, dan il-Bord għandu jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-azzjoni odjerna sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju.

5. Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponenti jaffermaw illi kemm-il darba dan il-Bord jogħġbu ma jilqax l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, huma xorta waħda m'għandhomx jiġu żgumbrati mill-fond in kwistjoni u dan għaliex huma m'għandhomx biżżejjed mezzi skond il-liġi sabiex tali ordni tingħata, kif del resto ser jiġi ppruvat fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

6. Illi di piu, u mingħajr preġudizzju għall-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-esponenti, huwa sottomess illi f'każ li dan il-Bord jogħġbu jżid il-kera pagabbli lir-rikorrenti, tali awment m'għandux jilħaq il-massimu ta' tnejn fil-mija (2%) tal-valur lokatizzju tal-propjeta' in kwistjoni fis-suq u dan għaliex jekk tiġi stabbilita kera f'ammont ekwivalenti għal tali perċentwali l-esponenti ser jisfaw f'impossibilita li jħallsu l-kera. Jikkonsegwi għalhekk illi l-effett ta' awment f'tali proporzjon xorta waħda ser iwassal indirettament għall-iżgumbrament tal-esponenti.

*7.* Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessibli skond il-liġi.

Ra r-risposta tal-intimat Michael Pace datata l-20 ta' Diċembru 2021 fejn sommarjament, eċċepa li:

1. Illi preliminarjament, jeħtieġ illi r-rikorrenti jġibu prova tat-titolu tagħhom fir-rigward tal-propjetà in mertu;

*2.* Illi tantieħor in linea preliminari, fir-rikors promotur minnhom intalvolat ir-rikorrenti jisħqu li l-propjeta' okkupata mill-esponenti hija hekk okkupata in vista ta' ordni ta' rekwiżizzjoni. F'dan ir-rigward, l-esponenti tissottometti li l-Artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi testwalment illi: "Meta persuna tkun qiegħda tokkupa dar ta' abitazzjoni abbażi ta' **kirja..." Madankollu** l-Artikolu 44 tal-istess Ordinanza jelenka dawk is-sitwazzjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati illi jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' *"kirja"*. Di fatti, fit-tieni sub-inċiż tal-istess Artikolu, huwa ċċarat illi: *"d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għat-tqegħid ta' nies mill-Gvern f'fondi rekwiżizzjonata."*

*3.* Illi tenut kont ta' dan, huwa umilment rilevat illi diment li l-propjeta' de quo ma ġietx di-rekwiżizzjonata, ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ma tinkwadrax taħt id-definizzjoni ta' "kirja" għall-finijiet tal-Ordinanza b'dan illi konsegwentement l-Artikolu 4A ma setax jiġi invokat mir-rikorrenti u għalhekk din l-azzjoni ma hijiex proponibbli. Għaldaqstant, dan il-Bord għandu jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-azzjoni odjerna sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju.

*4.* Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponenti jaffermaw illi kemm-il darba dan il-Bord jogħġbu ma jilqax l-

ewwel żewġ eċċezzjonijiet, huwa xorta m'għandux jiġi żgumbrat mill-fond in kwistjoni u dan għaliex huwa m'għandux biżżejjed mezzi skond il-liġi sabiex tali ordni tingħata, kif del resto ser jiġi ppruvat fil-perkors ta' dawn il-proċeduri. **Illi f'dan ir-rigward għandu japplika l-Artikolu 8 tal-Liġi sussidjarja 16.11**.

*5.* Illi di piu, u mingħajr preġudizzju għall-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-esponenti, huwa sottomess illi f'każ li dan il-Bord jogħġbu jżid il-kera pagabbli lir-rikorrenti, tali awment m'għandux jilħaq il-massimu ta' tnejn fil-mija (2%) tal-valur lokatizzju tal-propjeta' in kwistjoni fis-suq u dan għaliex jekk tiġi stabbilita kera f'ammont ekwivalenti għal tali perċentwali l-esponenti ser jisfaw f'impossibilita li jħallsu l-kera. Jikkonsegwi għalhekk illi l-effett ta' awment f'tali proporzjon xorta waħda ser iwassal indirettament għall-iżgumbrament tal-esponenti u ħutu.

*6.* Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessibli skond il-liġi.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tad-9 ta' Settembru 2021 l-intimati wettqu it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Anthony Robinson u l-Perit David Zahra, ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakultà lis-sid tal-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidra;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimati humiex l-inkwilini ta' dan l-istess fond.

Illi l-fond de quo kien ġie akkwistat mid-dante causa tar-rikorrenti, Mignon Marshall, in forza tal-kuntratt ta' diviżjoni ppublikat mill-Avukat Dottor Aldo Vella, bħala Imħallef supplenti nominat mill-Qorti Ċivili, Sekond' Awla u min-Nutar Dottor Tonio Spiteri nhar l-4 ta' Frar 2000. Illi b'testment datat it-30 ta' Mejju 2002, l-imsemmija Mari Angela sive Mignon Marshall istitwiet lir-rikorrenti bħala eredi universali tagħha. Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jiddikjaraw illi l-fond de quo kien ġie konċess mid-dante causa tagħhom lill-intimati b'titolu ta' kera. Ili di più ġie ppreżentat ukoll ċertifikat ta' derekwiżizzjoni tal-fond *de quo.*

Illi fid-dawl tal-fatt li ma ressqet ebda prova li tikkontradiċi id-dikjarazzjonijiet magħmulha mill-partijiet,il-Bord huwa sodisfatt li r-rikorrenti huma s-sidien tal-kera tal-fond *de quo* filwaqt li l-intimati huma l-inkwilini tal-istess fond.

Ikkonsidrat;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimati Josephine Ann Pace, Alexandra May Pace u

Michael Pace kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) u 8 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), ma jaqbiżx dak stipolat mir-Regolament 5(6) u 5(5) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimati, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) u 8 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li l-kapital ta' Josephine Ann Pace u ta Alexandra May Pace ma jaqbiżx dak stipolat mir-regolamenti 6(5) tar-regolamenti msemmija. Il-kapital ta' Michael Pace, madanakollu, jaqbeż il-limiti stabbiliti mir-Regoalment 6(4) tar-regolamenti prinċipali.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimati Josephine Ann Pace u Alexandra May Pace **ma jeċċedux** il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement **jissodisfaw** l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A(5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A(4) tal-istess Kap.

Illi fir-rigward tal-intimat Michael Pace, madanakollu, il-Bord qiegħed isib illi filwaqt li ma jaqbiżx il-limiti tad-dħul, huwa jeċċedi l-limiti stabbiliti għall-Kapital, u b'hekk huwa ma jissodisfax il-kriterju tal-kapital tat-test tal-mezzi. Konsegwentement, huwa ma jissodisfax il-kriterji ta-test tal-mezzi.

Illi r-Regolament 8 tal-Regolamenti msemmija, manadakollu, jistipola illi fejn hemm diversi persuni li jkunu jippretendu l-kirja *in solidum*, għandu jkun biżżejjed jekk persuna waħda minnhom tissodisfa l-kondizzjoni dwar id-dħul u l-kapital tat-test tal-mezzi.

B'hekk, minkejja illi l-intimat Michael Pace ma jissosidfax il-kondizzjonijiet tad-dħul u l-kapital tat-test tal-mezzi, bl-applikazzjoni

tar-Regolament 8 tar-regolamenti msemmija, il-Bord m'huwiex ser jordna l-iżgumbrament tiegħu.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti f'appartament li jinsab fit-tieni sular b'faċċata fuq triq il-karmelitani kif ukoll fuq pjazza balluta, bil-veduti tal-bajja tal-Balluta.

Illi l-periti tal-Bord, wara li kkunsidraw il-fatturi kollha imsemmija fir-rapport tagħhom, huma tal-fehma li l-valur preżenti tas-suq, liberu u frank jammonta għal żewġ miljuni u mija u erbgħin elf Ewro (€2,140,000)

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb , fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimat u tal-età tiegħu, il-Bord ser jawmenta l-kera gradwalment, ċioè b’perċentwali ta’ 0.8% tal-valur tal-fond fis-suq għall-ewwel sentejn; ta’ 1% għat-tielet u r-raba’ sena u ta’ 1.5% għall-ħames u s-sitt sena.

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta’ €17,120 fis-sena għall-ewwel sentejn; ta’ €21,400 fis-sena għat-tielet u r-raba’ sena, u ta’ €32,100 għall-ħames u s-sitt sena.

Deċide:

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jilqa’ l-ewwel talba u jiddikjara illi Josephine Ann Pace, Alexandra May Pace u Michael Pace huma l-inkwilini fil-fond flat 10, Balluta Buildings, St. Julians;

2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba stante li t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament tal-proċeduri;

3. Jiċħad it-tielet talba stante li l-intimati Josephine Ann Pace, Alexandra May Pace jissodisfaw il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi filwaqt li fir-rigward tal-intimat Michael Pace, minkejja li ma jissodisfax il-kriterji tat-test tal-mezzi, japplika fil-konfront tiegħu ir-regolament 8 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi);

4. Jilqa’ r-raba t-talba u jiddikjara illi l-kera tal-fond Flat 10, Balluta Buildings, San Ġiljan għandha tiġi riveduta b’mod

gradwali għall-ammont ta' 0.8% tal-valur tal-fond fis-suq għall-ewwel sentejn; ta' 1% għat-tielet u r-raba' sena u ta' 1.5% għall-ħames u s-sitt sena u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli għal-ammont ta' €17,120 fis-sena għall-ewwel sentejn; ta' €21,400 fis-sena għat-tielet u r-raba' sena, u ta' €32,100 għall-ħames u s-sitt sena u jordna lill-intimati jibdew iħallsu lir-rikorrenti *in solidum* il-kera hekk awmentata b'effett mid-data tal-lum bħala d-data tas-sentenza u dan bil-modalità ta' erbgħa (4) skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta Jannar, April, Lulju u Ottubru ta' kull sena.

5. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjez tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**